# RAPPORT ANNWALI GĦAS-SENA 2011

Wara sbatax-il sena ta' Kunsilli Lokali nistgħu ngħidu li n-Naxxar ra trasformazzjoni sħiħa. Dan huwa dovut b'mod partikulari għall-ħidma kbira li wettqu sena wara l-oħra s-Sindki u l-Kunsillieri li servew matul dawn is-snin kollha.

Is-sena 2011 kienet sena oħra li fiha l-Kunsill kompla b'din il-ħidma biex, anki f'sena waħda biss, ir-residenti setgħu ikomplu jaraw it-titjib iseħħ madwarhom, titjib kemm mil-lat infrastrutturali kif ukoll f'servizzi u inizjattivi li finalment komplew jgħollu l-livell tal-għixien tar-residenti li lilhom iservi.

Ejjew mela nagħtu ħarsa lejn il-ħidma tal-Kunsill matul is-sena 2011:

Għaliex ħafna servizzi jittieħdu *for granted* ħafna huma dawk li qajla jaħsbu jew jirrealizzaw li dawn jinsabu f'idejn il-Kunsill. Is-servizzi kollha li jikseb il-Kunsill isiru permezz ta' kuntratti li l-proċess biex isiru jirrikjedi ammont kbir ta' xogħol; jibdew bil-preparazzjoni tad-dokumenti tal-offerti, isiru diskussjonijiet fil-Kunsill, ikunu ppubblikati l-offerti, issir l-evalwazzjoni, l-għażla tal-kuntrattur u finalment, wara li jingħata l-kuntratt, ikun żgurat li x-xogħol qed jitwettaq kif miftiehem. Din is-sena l-Kunsill ħareġ offerti jew ta kuntratti għas-servizzi ta' Accountant,

Konsulenza Legali,

Periti,

Żamma u manutenzjoni tal-ġonna,

Tindif ta' toroq mhux urbani,

Ġbir ta' skart goff,

Tindif tal-latrini u ċ-Ċentru Ċiviku,

Tindif tat-toroq,

Xogħlijiet ta' bankini,

Xogħlijiet ta' toroq speċifiċi f'Baħar iċ-Ċagħaq u

Xogħlijiet ta' toroq mhux speċifiċi, magħruf aktar bħala *period contract* ibbażat fuq rati fissi.

Ma naqsux ukoll inizjattivi u servizzi oħra ta' benefiċċju għal-lokalità bħalma huma d-diversi korsijiet li jorganizza u s-servizz ta' librerija li baqa' jattrezza b'aktar kotba ġodda u moderni sena wara l-oħra.

L-2011 kienet sena mimlija attivitajiet u kburin li l-Kunsill kien strumentali biex, mhux biss organizza l-attivitajiet tiegħu stess, iżda kkollabora ma' entitajiet oħra ħalli jżid l-attivitajiet. Permezz tagħhom il-Kunsill kompla jkabbar isem in-Naxxar u jagħmel minnu isem li r-residenti jkunu kburin bih. L-aktar li spikkaw kienu:

Attivitajiet għat-tfal għall-karnival.

Il-Pet show li sar għall-ewwel darba b'suċċess f'Mejju.

Attivitajiet li jfakkru l-75 sena anniversarju tal-iscouts tan-Naxxar bil-parteċipazzjoni ta' numru kbir ta' gruppi tal-iscouts.

Organizzajna kompetizzjoni għall-isbaħ faċċati.

Ilqajna lill-President tar-Repubblika biex saru l-għotjiet għall-Community Chest Fund fil-bini tal-Kunsill

Il-Motorsport Festival, li sar għall-ewwel darba fin-Naxxar u li ġibed tant nies.

Għall-ħdax-il sena konsekuttiva saret il-Wirja tal-Arti Delizzji u Snajja.

L-ikla annwali tal-Milied għall-anzjani

U l-attività mistennija 'Milied fin-Naxxar' li reggħet kienet suċċess kbir.

Minbarra dawn il-Kunsill kompla jorganizza l-ħarġiet kulturali ta' kull xahar li kull ma jmur dejjem qed jiġbdu aktar nies lejhom.

F'Ġunju imbagħad il-Kunsill ta Ġieħ in-Naxxar. Għall-ewwel darba l-Kunsill ħatar kumitat indipendenti li mexxa l-proċess kollu marbut ma' dan il-Ġieħ. Din id-darba l-Ġieħ ingħata lis-Sur Charles Miceli għall-ħidma volontarja tiegħu biex dawk dipendenti mid-droga jirritornaw għall-ħajja l-bogħod minn kull vizzju.

Attivitajiet li żiedu bil-kbir l-intensità tagħhom kienu attivitajiet marbuta mal-isports. Din is-sena biss ħadu sehem mhux inqas minn 450 parteċipant f'330 siegħa ta' attivitajiet. Dan kien possibli grazzi għall-iskema għall-attivitajiet sportivi li l-Kunsill ħa ħsieb japplika kull sena minn meta bdiet l-iskema.

Wara li f'Awwissu tal-2010 kien iffirmat l-ewwel ġemellaġġ tan-Naxxar ma' lokalità barranija, grupp ta' 42 persuna min-Naxxar kienu mistiedna għal żjara f'Mornago fl-Italja. Iż-żjara ta' ġimgħa bdiet l-għada tal-festa tal-Vitorja. Nistgħu ngħidu li l-parteċipanti f'dan il-ġemellaġġ ħadu trattament mill-aqwa u kienet opportunità biex niksbu ideat ġodda mill-esperjenzi tagħhom, inkabbru l-ħbiberija u naturalment nesploraw possibbiltajiet għal proġetti futuri bi sħab.

Grazzi għal dan il-ġemellaġġ illum isem in-Naxxar mhux biss jinsab fuq fomm ir-residenti ta' Mornago iżda litteralment jinsab 'imnaqqax' fit-toroq u anki f'Sala li ġiet inawgurata speċifikament għall-okkażjoni.

Minbarra dawn l-inizjattivi li għadna kemm semmejna l-Kunsill ħaseb biex iwettaq numru ta' proġetti, uħud minnhom bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali. Dawn jinkludu:

Il-kostruzzjoni jew kisi mill-ġdid ta' numru ta' toroq....

Xogħlijiet ta' bankini....

Xogħlijiet ta' manutenzjoni....

U saħansitra pjazza u ġnien ġdid f'Baħar iċ-Ċagħaq.

Dan tal-aħħar, li sewa kważi nofs miljun ewro, sar mill-Ministeru tar-riżorsi bl-għajnuna tal-Kunsill għaliex il-Kunsill se jkun qiegħed jiffinanzja €34,000 għall-bandli.

La qed insemmu l-Baħar iċ-Ċagħaq bix-xieraq nitkellmu ftit dwar il-ħidma tal-Kumitat Amministrattiv, elett speċifikament biex jieħu ħsieb lil din il-lokalità fin-Naxxar. Il-Kumitat Amministrattiv huwa magħmul minn:

Maryanne Cuomo, Chairperson,

Joseph Woods (Viċi Chairperson)

Evelyn Muscat,

Maria Vella

u Joseph Bonello.

B'sodisfazzjon kbir ngħidu li l-kummenti li jaslu dwar il-ħidma ta' dan il-Kumitat jagħmlu ġieħ lin-Naxxar kollu għaliex huwa wieħed mill-aktar Kumitat Amministrattivi li jieħu inizjattivi.  Il-ħidma tiegħu waslet biex il-Kunsill, permezz tal-Kumitat, jikseb fondi addizzjonali għal xogħol infrastrutturali u anki biex jagħmel attivitajiet kulturali.

Dan il-Kumitat organizza wkoll numru ta' korsijiet u attivitajiet, kesa mill-ġdid Triq l-Isbark tal-Franċiżi, parti minn Triq id-Dwieli u parti minn Triq l-Iskall, bena u sewwa numru ta' bankini u kiseb aktar fondi biex jibdel aktar bankini.

Sadanittant il-Kunsill beda jippjana diversi proġetti kbar oħra u li jinkludu proġett ta' Triq V Boron, Triq Castro u tisbieħ fuq Triq il-Mitħna.

Wara din il-ħidma kollha kien hemm l-impenn u d-dedikazzjoni tas-Sindku, Maria Fatima Deguara,

Il-Viċi Sindku, Pierre Sciberras,

U l-Kunsillieri, Clifford Galea,

Anne Marie Muscat Fenech Adami,

David Bonello,

Pauline Miceli,

Marlon Brincat,

Clinton Sammut..u

Noel Gatt

Ma setax jonqos ukoll is-sostenn kontinwu tas-Segretarju Eżekuttiv, Paul Gatt, li flimkien mal-kumplament tal-amministrazzjoni u l-ħaddiema, dejjem għamlu dak kollu possibli biex, anki f'sitwazzjonijiet diffiċli, joffru l-aħjar servizzi.

Tajjeb insemmu li, minbarra d-domanda tal-pubbliku u t-twettieq tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill, l-amministrazzjoni spiss tkun taħt pressjoni biex twettaq xogħol li joħroġ mir-regolamenti u l-liġi tal-Kunsilli Lokali li iżda l-effett dirett tiegħu fuq ir-residenti jista' ma jinħassx u forsi ma jkunx mifhum.

Madanakollu l-inkoraġġiment mir-residenti ma jonqosx u ċert li dan jimmotiva bil-kbir lil kull min hu involut biex ikompli joffri l-aħjar servizz possibli lir-residenti tiegħu.

Dik kienet ħarsa ħafifa tal-ħidma li twettqet mill-Kunsill matul is-sena 2011, ħidma li ċertament ħalliet impatt pożittiv fuq il-ħajja tagħna r-residenti Naxxarin.